MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 139/2007

Il-Pulizija
(Surgent Maggur Dr. A. Ellul LL.D)
Vs

George Chetcuti

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 t'April, 2006, ghall-habta tas-6.00 a.m. gewwa residenza matrimonjali fis-Siggiewi,
1. hebb ghal martu Mariella Chetcuti w ikkagunalha feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Saviour Cilia MD tac-Centru tas-Sahha ta' Qormi;
2. kif ukoll waqt l-istess argument ikkaguna ukoll feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-minorenni Kersten Chetcuti

ta’ 8 snin skond ma ccertifika l-istess Dr. Saviour Cilia tal-klinika ta’ Qormi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Marzu, 2007 li biha wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u ghaldaqstant illiberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u ordnat hrug ta’ garanzija ghal sena (1) favur il-parte civili indikati fl-akkuza, u cioe’ Mariella Chetcuti u Kersten Chetcuti ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taht penali ta’ mitejn lira Maltin (LM200) fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz tal-istess illiberat lill-appellant mill-akkuzi tieghu fil-konfront ta’ Mariella Chetcuti filwaqt li tirrevoka w thassar is-sentenza appellata in kwantu li sabitu hati tal-akkuza fil-konfront tal-minuri Kersten Chetcuti u tillibera lill-istess appellant ukoll minn din l-imputazzjoni u mill-piena jew sussidjarjament tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbali registrati fis-seduta tal-lum li bihom fl-ewwel lok Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-appellant iddikjarat li l-kawza kienet giet deciza wara li l-Qorti tal-Magistrati kienet semghet ix-xhieda tal-minuri Kersten Chetcuti fis-sigrieta minghajr il-presenza tal-akkuzat u tad-difensur tieghu, illi ghalhekk id-dritt tal-akkuzat ghall-testimonjanza viva voce w id-dritt ta’ kontro ezami w id-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq kienu gew lezi u ghal din ir-raguni ghalhekk kien hemm ksur tal-provvediment tal-artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta w l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk talbet li l-kaz jigi rimess fil-Prim’Awla Civili bhala Qorti Sede

Kostituzzjonali a tenur tal-artikolu 461 (3) tal-Kostituzzjoni. Tenniet ukoll li din it-talba ma kienitx frivola w vessatorja.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li bhala fatt jirrizulta, anki mix-xhieda tal-istess Dr. Schembri Orland, li meta xehed it-tifel minuri fiz-zewg okkazzjonijiet fis-sigrieta tal-Magistrat, l-imputat appellant ma kienx prezenti w thalla barra fl-Awla bla ebda possibbilita' li jisma x'qed jinghad u jara x'qed jigri u li dan jammonta ghal difett procedurali sostanzjali li ghandu jaghti lok ghall-annullament tal-proceduri kif ukoll tas-sentenza appellata.

Rat il-verbal li bih Dr. Schembri Orland, in vista ta' dan il-verbal, filwaqt illi zammet ferm il-lanjanza tal-appellant dwar id-difett procedurali fuq imsemmi, iddikjarat li tkun sodisfatta b'sentenza ta' din il-Qorti li tannulla l-proceduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll is-sentenza appellata w ghalhekk irtirat it-talba tal-appellant ghar-referenza Kostituzzjonali.

Rat il-fedina penali tal-appellant aggornata esebita fis-seduta tal-lum mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat;

Li kif gie registrat fil-verbal fuq imsemmi, kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza jaqblu li l-procedura addottata mill-Qorti tal-Magistrati bl-intenzjonijiet tajba kollha intizi biex ma jigix trawmattizzat it-tifel li kellu jixhed kontra missieru, semghet lill-istess tifel ghal darbtejn wara xulxin fl-assenza tal-imputat, appellant u li dan jikkostitwixxi ksur sostanzjali procedurali li jaghti lok ghall-annullament kemm tal-proceduri kif ukoll tal-istess sentenza appellata.

Ghalhekk din il-Qorti, konformament ma dan il-qbil, qed tilqa' l-appell parzjalment billi tannulla s-sentenza appellata fl-intier taghha w tannulla wkoll il-proceduri li pprecedewha w tordna li l-akkuzat, appellant, jerga jitpogga fl-istat li kien immedjatament wara l-qari tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w qabel ma xehed fis-sigrieta tal-Magistrat il-minuri Kersten Chetcuti, w ghal

dan il-ghan qed tirrimetti l-process lill-Ewwel Qorti,  anki biex ma tipprivax lill-partijiet kollha mill-beneficcju tad-doppjo ezami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------